# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2020**

**Kawża Numru 12 (Kost.)**

**Rik. Nru. 26/18JRM**

George Michael **SPITERI**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn George Michael Spiteri fil-15 ta' Marzu, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (i) tagħti l-provvedimenti *pendente lite,* magħduda magħhom ordni li twaqqaf il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri tal-appell imressaq minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, sakemm tinqata' din il-kawża ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali; (ii) issib li hu ġarrab ksur tal-jedd fundamentali ta' smiegħ xieraq kif imħares fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja)

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); u (iii) tagħti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa sabiex tissewwa l-ħsara mġarrba minnu. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Marzu, 2018, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika lill-intimat;

Rat li l-intimat laqa’ n-notifika tal-atti tal-kawża matul l-għodwa tal-21 ta’ Marzu, 2018[2], ftit ħin qabel ma kellha tissejjaħ il-kawża u ressaq it-Tweġiba tiegħu limitatament għall-ewwel talba attriċi, b’riżerva li jressaq Tweġiba xierqa li tindirizza t-talbiet attriċi l-oħrajn;

Rat il-provvediment mogħti minnha fit-22 ta’ Marzu, 2018[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra qieset it-talba tar-rikorrent għall-għoti ta’ miżura temporanja (l-ewwel talba tiegħu);

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fl-10 ta’ April, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrent billi jiċħad ix-xiljiet ta’ ksur ta’ jeddijiet fundamentali. Jgħid li l-kawża attriċi hija bbażata fuq premessa żbaljata li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta’ Ottubru, 2017, hija nulla, ilment li ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali u miċħud permezz ta’ sentenza tat-28 ta’ Frar, 2018. Itenni li s-sentenza tas-26 ta’ Ottubru, 2017, hija fil-fatt studjata u motivata, u x-xilja ta’ ksur tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali mill-Qorti tal-Maġistrati ma jġibx miegħu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Rat it-talba mressqa mir-rikorrenti fit-23 ta’ April, 2018[4], għall-ħatra ta’ espert tekniku, liema talba ġiet irtirata waqt is-smigħ tas-17 ta’ Ottubru, 2018[5];

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta’ Ottubru, 2018, li bih laqgħet it-talba mressqa mill-intimat dakinhar[6], ħalli kopja awtentikata ta’ xi atti mill-Kumpilazzjoni numru 618/2015 fl-ismijiet “*Il-Pulizija (Spett. Joseph Merċieca vs George Michael Spiteri*” tiddaħħal fl-atti ta’ din il-kawża;

Rat in-Nota mressqa mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fit-23 ta’ Ottubru, 2018[7], flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

[2] Ara verbal f’paġ. 42 tal-proċess
[3] Paġġ. 50 – 4 tal-proċess
[4] Paġ. 64 tal-proċess
[5] Paġ. 80 tal-proċess
[6] Paġ. 82 tal-proċess
[7] Paġġ. 83 sa 93 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2018[8], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ bil-miktub;

Semgħet it-trattazzjoni (reġistrata) tal-avukat tar-rikorrent[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat tat-18 ta' Jannar, 2019[10], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet li saru f'isem ir-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq imsejsa fuq aggravju ta' nullità ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Ottubru, 2017, minħabba li kienet nieqsa għal kollox mir-raġunijiet li wasslu lil dik il-Qorti ssibu ħati tal-akkużi li kien mixli bihom. Ir-rikorrent jgħid li dik inhar li ngħatat is-sentenza li kkundannatu għal sentejn priġunerija, is-sentenza ma kinitx għadha nkitbet u wisq anqas ingħataw il-motivazzjonijiet għaliex dik il-Qorti kienet sabitu ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontrih u tatu l-piena msemmija. Isejjes dan l-ilment kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u kif ukoll fuq dawk tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Qed jitlob li jinstab ksur tal-jedd tiegħu kif ukoll li jingħata rimedju xieraq;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat laqa' billi qal li x-xilja ta' nullità tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta' Ottubru, 2017, ġiet mistħarġa u miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza *in parte* tat-28 ta' Frar, 2018. Jisħaq li s-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2017, hija fil-fatt studjata u motivata, u jtenni li, f'kull każ, xilja ta' ksur tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma ġġibx magħha ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

---

[8] Paġ. 81 tal-proċess
[9] Paġ. 94 tal-proċess
[10] Paġġ. 95 sa 102 tal-proċess

Illi bħala <u>fatti rilevanti</u> jirriżulta li George Michael Spiteri jaħdem bħala *nursing aide* fl-Isptar *San Vinċenż de Paule*, fil-limiti ta' Ħal Luqa. Fit-2 ta' Awwissu, 2015[11], ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli fil-31 ta' Lulju, 2015, waqt il-qadi ta' dmirijietu, ikkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq resident anzjan f'dak l-isptar;

Illi wara li tressqu l-provi, l-avukati tal-partijiet ittrattaw il-każ waqt is-smigħ tas-26 ta' Ġunju, 2017[12], u l-Qorti tal-Maġistrati ħalliet il-kawża għat-12 ta' Ottubru, 2017. Fil-11 ta' Ottubru, 2017[13], l-avukat tal-parti ċivili ressaq rikors biex jitlob li l-kawża titħalla għal data oħra;

Illi b'sentenza mogħtija waqt is-smigħ tas-26 ta' Ottubru, 2017 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza attakkata"), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi kollha li kien mixli bihom u ikkundannatu għal sentejn priġunerija. Fil-verbal tas-smigħ ta' dakinhar, tniżżel li "il-Qorti għaddiet għas-sentenza filwaqt li tordna divjett fuq isem il-vittma, fis-sentenza"[14]. Mill-istess verbal joħroġ li kemm ir-rikorrent u kif ukoll l-avukat tiegħu kienu fl-awla x'ħin ingħatat is-sentenza;

Illi r-rikorrent jgħid li dakinhar li ngħatat is-sentenza, is-sentenza ma kinitx għadha nkitbet u wisq anqas ingħataw il-motivazzjonijiet u raġunijiet għaliex dik il-Qorti kienet sabitu ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontrih u tatu l-piena msemmija[15]. Jidher li dakinhar li ngħatat is-sentenza, kulma nkiteb fuq l-istess att li bih kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja kienu l-kliem "*sentejn priġunerija*", id-data u l-firma tal-Maġistrat[16]. Dan jirriżula wkoll minn kopja tas-sentenza li ngħatat lill-avukat tal-fiduċja tar-rikorrent l-għada tal-għoti tas-sentenza mill-uffiċjal ta' dik il-Qorti[17] (liema dokument, iżda, kien juri d-data tat-12 ta' Ottubru, 2017, li ħabat li kienet id-data li l-każwa kienet imħollija għaliha biex tingħata s-sentenza l-ewwel darba);

Illi kien biss b'*e-mail* tal-31 ta' Ottubru, 2017, mibgħuta mill-istess uffiċjal tal-Qorti, li l-avukat tar-rikorrent ingħata kopja formali tas-sentenza li ġġib id-data tas-26 ta' Ottubru, 2017[18]. Ir-rikorrent jgħid li għalkemm is-sentenza attakkata ġġib id-data tas-26 ta' Ottubru, 2017, din inkitbet wara dik i-data[19];

---

[11] Dok. "A' f'paġġ. 4 u 5 tal-proċess
[12] Verbal f'paġ. 86 tal-proċess
[13] Paġ. 87 tal-proċess
[14] Paġ. 89 tal-proċess
[15] Premessa Nru. 4 tar-Rikors f'paġ. 2. Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca f'paġ. 75 tal-proċess
[16] Dok. "A" f'paġġ. 4 sa 5 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Avukat Franco Galea f'paġ. 60 tal-proċess
[17] Dok. "B" f'paġġ. 6 sa 7 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Avukat Franco Galea f'paġ. 61 tal-proċess
[18] Dok. "C" f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess
[19] Dok. "D" f'paġ. 11 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Avukat Franco Galea f'paġ. 61 tal-proċess

Illi r-rikorrent appella mis-sentenza attakkata fit-3 ta' Novembru, 2017,[20] u, fost aggravji oħrajn, qanqal il-kwestjoni tan-nullità tas-sentenza attakkata ladarba nkitbet mill-ġudikant li taha jiem wara l-għoti uffiċjali tagħha. Jgħid ukoll li s-sentenza attakkata ma tiswiex għaliex ma kinitx motivata. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 2018[21], l-aggravju tan-nullità tas-sentenza attakkata mressaq mir-rikorrent appellant ma ntlaqax u l-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni fil-mertu tal-appell;

Illi fil-15 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża, u fl-ewwel talba tiegħu, talab l-għoti minn din il-Qorti ta' rimedju provviżorju, fosthom li s-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jieqaf sakemm din il-Qorti tistħarreġ l-ilment tiegħu f'din il-kawża;

Illi bil-provvediment tagħha tat-22 ta' Marzu, 2018, din il-Qorti dderiġiet lir-rikorrent sabiex jimxi mal-konsiderazzjonijiet magħmulin fih, biex jgħarraf lill-Qorti tal-Appell Kriminali bil-kawża tallum u biex dik il-Qorti tirregola ruħha skond kif jidhrilha xieraq. Jidher li dik il-Qorti waqqfet is-smigħ tal-appell tar-rikorrent sakemm tinqata' din il-kawża[22];

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ tar-rikorrent jitilqu mill-kwestjoni tal-jedd fundamentali li huwa jgħid li ġarrab ksur tiegħu. Joħroġ ċar mill-att promotur tal-kawża li r-rikorrent jibni l-każ tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-qofol tal-ilment tar-rikorrent hu l-fatt li, fil-ħin tal-għoti tas-sentenza attakkata, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma tatx raġunijiet għalfejn kienet qed issibu ħati tal-akkużi li kien mixli bihom. Fi kliem ir-rikorrent, dan iwassal għal nuqqas ta' smigħ xieraq, b'mod partikolari fil-jedd għall-"benefiċċju tad-doppju eżami"[23];

Illi, min-naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat[24] jwarrbu l-argument tar-rikorrent u jgħid li n-nuqqas ta' tħaris tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jġibx miegħu b'mod awtomatiku ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti anke għaliex il-jedd għal smigħ xieraq irid jiġi mistħarreġ fit-totalità tal-proċess kriminali. Jgħid ukoll li mill-provi ħareġ li r-rikorrent sar jaf bir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għall-ġudizzju tagħha fi żmien tajjeb biżżejjed li fih seta' jressaq l-appell tiegħu u jimmotivah kif jidhirlu xieraq, kif fil-fatt għamel, u dan juri li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ma kien mittiefes bl-ebda mod;

[20] Dok. "E" f'paġġ. 12 sa 16 tal-proċess
[21] Dok. "F" f'paġġ. 27 sa 36 tal-proċess
[22] Ara verbal tat-22.3.2018 fl-atti tal-Appell Nru. 444/17EG
[23] Ara x-xhieda ta' l-Avukat Franco Galea f'paġġ. 62 sa 63 tal-proċess
[24] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 95 sa 102 tal-proċess

Illi huwa miżmum u stabbilit li l-kwestjoni dwar jekk parti f'kawża tkunx ingħatat smigħ xieraq jew jekk il-proċediment li fih kienet imdaħħla wassalx għal ksur tal-jedd tagħha ta' smigħ xieraq, trid titqies b'riferenza għall-proċediment kollu u wara li jkun intemm dak il-proċediment[25], u mhux dwar biċċa minnu jew xi episodju partikolari, b'mod partikolari jekk kemm-il darba tali episodju sata' jkun rettifikat fi stadju ieħor tal-kawża[26] u fejn ir-rimedji li jintalbu u li jistgħu jingħataw ikunu "tempestivi, effettivi u xierqa"[27]. Din ir-regola tgħodd sakemm il-parti ma turix li l-episodju jew iċ-ċirkostanza partikolari hija ta' serjetà jew gravità hekk kbira jew qawwija li twassal biex, minħabba fiha, dak il-proċediment sejjer jintlaqat bil-ksur lamentat ukoll jekk l-ilment jitressaq qabel ma jkun intemm il-proċediment u tkun serja biżżejjed li twassal għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[28];

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-għoti tar-raġunijiet li jsejsu d-deċiżjoni milħuqa f'sentenza huma wieħed mill-elementi ewlenin fil-qies tas-siwi ta' sentenza bħal dik. L-għoti tar-raġunijiet tgħin biex il-persuna milquta b'tali sentenza tkun tista' tagħraf x'wassal lill-qorti biex tagħti s-sentenza li tat u liema kienu dawk il-kunsiderazzjonijiet li wassluha għal dik il-fehma. Mhux mistenni li sentenza tidħol b'reqqa jew f'dettal dwar kull sottomissjoni li ssir fil-każ[29], imma huwa meħtieġ li, mqar jekk b'mod xott jew skematiku, jingħata għarfien ta' x'wassal li jorbot il-ħsieb tal-ġudikant mal-parti dispożittiva tas-sentenza li jkun ta[30]. Jidher li jkun hemm ksur serju tal-jedd ta' smigħ xieraq jekk kemm-il darba n-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet f'sentenza xxekkel lill-parti misjuba ħatja milli tkun tista' tqajjem ir-raġunijiet fl-appell minn dik is-sentenza[31];

Illi dwar il-mod kif tingħata s-sentenza (b'mod partikolari fil-qasam tal-proċedura kriminali), kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni ma jelaborawx. Jingħad biss li s-smigħ (sakemm ma jkunx hemm raġunijiet serji u gravi) jsir fil-qorti bil-miftuħ. Imma dwar il-qari tas-sentenza l-ebda wieħed minn dawk it-testi legali ma jagħmel xi dispożizzjonijiet partikolari u din il-ħaġa dejjem tħalliet fid-dehen tal-awtoritajiet nazzjonali biex jirregolawha skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fl-imsemmija Linji-Gwida maħruġa mill-Q.E.D.B.[32], jingħad li l-obbligu ta' l-għoti ta' sentenza fil-pubbliku jintlaħaq fejn verżjoni tas-sentenza mogħtija titqiegħed fir-Reġistru

---

[25] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Żvizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) §38; u Q.E.D.B. **2.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Dimech vs Malta*** (Applik. Nru. 34373/13) § 43

[26] Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.379**)

[27] Kost. **25.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Untours Insurance Agency Ltd et noe vs Victor Micallef et*** §13

[28] Ara P.A. (Kost.) RCP **17.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Farruġia et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata) u s-sentenzi hemm imsemmija

[29] Q.E.D.B. **9.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Ruiz Torija vs Spanja*** (Applik. Nru. 18390/91) §29

[30] Ara §§ 168 sa 171 tal-Linji-Gwida tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Artikolu 6: d-Dritt għal Smigħ Xieraq (Taqsima Kriminali) (Verżjoni aġġornata 31.8.2020)

[31] Q.E.D.B. **6.9.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Salov vs Ukrajina*** (Applik. Nru. 65518/01) §§89 u 92

[32] *Ibid.* § 293

tal-qorti li tkun tatha jew tiddaħħal f'pubblikazzjoni tal-verżjoni uffiċjali tagħha[33];

Illi l-Qorti tqis li fil-kawża li għandha quddiema, il-mod kif ir-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu huwa tentattiv biex jerġa' jiftaħ kwestjoni li kienet fis-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tqis. Kif intqal mill-Qrati tagħna: "*Din il-Qorti tosserva li d-dritt għal smigħ xieraq, invokat mir-rikorrent f'dawn il-proċeduri, mhuwiex xi dritt esklussiv għall-qrati b'gurisdizzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali, iżda kien sab postu fil-qrati ordinarji minn hafna żmien ilu. Fil-każ in eżami kien għalhekk ukoll fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tissindika u tara jekk il-Qorti Kriminali osservatx id-dettami rikjesti biex ikun hemm smigħ xieraq. Il-prinċipji ta' ġustizzja naturali ilhom jeżistu ż-żmien (ħafna qabel li ġie introdott il-Kap. 319) u qegħdin hemm biex jassiguraw smigħ xieraq. Qorti b'kompetenza ordinarja għandha l-obbligu li tinvestiga l-iter proċedurali ta' Qorti inferjuri meta jiġi allegat li kien hemm xi ħaġa li setgħet twassal għan-nuqqas ta' smigħ xieraq*"[34];

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-ilment tar-rikorrent fil-fatt huwa l-istess aggravju ewlieni li r-rikorrent ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mis-sentenza attakkata. Dan l-aggravju kien mistħarreġ minn dik il-Qorti u huwa r-raġuni għas-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2018. Dik il-Qorti qieset l-aggravju tal-rikorrent appellant kemm mil-lenti proċedurali ta' dak meħtieġ *ad validitatem* taħt l-artikoli 377 u 382 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll mil-lat sostantiv tal-jedd fundamentali li r-rikorrent igawdi fi proċeduri kriminali. Sabet li l-ilment tar-rikorrent appellant u t-talba tiegħu ta' sejba ta' nullità sostantiva ma kienx mistħoqq billi lill-Qorti rriżultawlha mhux biss il-ħsibijiet tal-ġudikant kif imħażża fuq l-att tal-preżentata, iżda wkoll sentenza motivata u ffirmata mill-istess ġudikant li ġġib id-data tas-26 ta' Ottubru, 2017. Qieset li f'kawżi ta' natura kriminali, motivazzjoni f'sentenza hija meħtieġa, anke jekk mhux neċessarjament f'sura elaborata, biex jiġi assigurat mhux biss it-trasparenza fil-ġudizzju iżda wkoll biex tiġi verifikata l-ġustizzja tal-ġudikat, l-aktar fejn is-sentenza li tingħata tkun tolqot iċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna misjuba ħatja bil-kundanna għall-priġunerija. Ittenni wkoll li tali motivazzjoni għandha tingħata minnufih mal-qari tas-sentenza. Dik il-Qorti temmet tgħid li ladarba ma jirriżultax ksur ta' dak mitlub mil-liġi, il-preġudizzju li r-rikorrent appellant jgħid li ġarrab ma setax jintlaqa';

Illi f'din il-kawża, l-Qorti ma ntalbitx tidħol fil-mertu tad-deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex l-ilment tar-rikorrent ma jolqotx dik is-sentenza imma s-sentenza attakkata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Lanqas ma ntalbet tibdel id-diskrezzjoni ta' dik l-Qorti ma' tagħha,

33 Q.E.D.B. **22.2.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Sutter vs Svizzera*** (Applik. 8209/78) § 34
34 Kost. **28.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mifsud vs Avukat Ġenerali***

dan aktar u aktar meta huwa mgħallem li għar-rigward tal-jedd ta' smigħ xieraq minn qorti imparzjali, jiġi determinat jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta wieħed iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti[35];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent ma jidhirx li qed issejjes l-ilment tiegħu fuq l-imparzjalità kostitutiva jew l-indipendenza tal-Qorti li ġġudikatu[36], u lanqas dwar jekk dik il-Qorti hijiex imwaqqfa kif imiss b'liġi. Dak li jilmenta minnu r-rikorrenti huwa n-nuqqas ta' motivazzjoni fl-għoti tas-sentenza attakkata. Ir-rikorrent jixli li l-Qorti tal-Maġistrati fil-fatt ma tat ebda sentenza bil-miktub dakinhar tas-smigħ, u kopja tas-sentenza bid-data tas-26 ta' Ottubru, 2017, waslet f'idejn ir-rikorrent jiem wara li kienet ingħatat;

Illi fl-atti li tressqu quddiem din il-Qorti (bħal f'dawk li tressqu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali) hemm kopja ta' sentenza li ġġib id-data tas-26 ta' Ottubru, 2017, li hija tabilħaqq motivata. Fil-fatt ir-rikorrent fl-ebda ħin ma jgħid li din is-sentenza li, eventwalment ngħata kopja tagħha, hija nieqsa mill-motivazzjoni. Għall-kuntrarju, jidher li r-rikors tal-appell li ressaq f'waqtu mis-sentenza attakkata jissejjes fuq il-motivazzjonijiet murija f'din il-verżjoni. L-ilment tiegħu huwa <u>marbut mal-jum meta s-sentenza ngħatat</u> mill-Qorti tal-Maġistrati u dwar jekk dakinhar kienx hemm sentenza miktuba b'motivazzjoni li tfisser għaliex dik il-Qorti kienet sabitu ħati u ikkundannatu għall-piena mogħtija. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent naqas li jgħid kif tassew ġarrab ħsara fil-jedd tiegħu għal smigħ xieraq mill-imġiba tal-Qorti li tat is-sentenza attakkata;

Illi, kif ingħad qabel, mill-atti ma jirriżulta mkien li bil-mod kif seħħew il-ġrajjiet marbuta mal-każ tiegħu huwa ċċaħħad mill-jedd li jittratta l-każ, li jkun preżenti hi u tingħata s-sentenza jew li jkun mgħejjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Jirriżulta li, hekk kif ingħatat is-sentenza attakkata, r-rikorrent talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha u seħħlu jressaq fil-ħin l-appell tiegħu minnha quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx mal-fehmiet tal-ewwel Qorti dwar il-mertu tal-każ jew ma' dawk tal-Qorti tal-Appell Kriminali fiċ-ċaħda tal-aggravju tiegħu tan-nullità tas-sentenza attakkata ma jsarrfux b'daqshekk fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Illi l-Qorti ma tistax issib ksur ta' smigħ xieraq għar-raġuni biss li, f'waqt determinat, is-sentenza li ngħatat minn ġudikant ma kinetx motivata fil-verżjoni uffiċjali tagħha, meta jiem wara r-rikorrent laqa' kopja ta' sentenza li kienet tabilħaqq motivata. Il-kwestjoni kienet tkun għal kollox differenti u r-

---

[35] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)
[36] Ara Q.E.D.B. **28.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Campbell & Fell vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 7819/77) § 78

riżultat kien ikun mod ieħor tassew li kieku ingħatat sentenza meta l-kawża ma kinitx tħalliet għal dak il-għan jew li kieku ngħatat sentenza li laqtet il-mertu kollu meta l-każ kien imħolli għal sentenza fuq aspetti biss tal-każ, jew jekk il-Qorti tkun tat deċiżjoni mod dakinhar li ngħatat is-sentenza u mbagħad il-verżjoni uffiċjali tkun tagħti deċiżjoni bil-maqlub. L-istess jingħad li kieku r-rikorrent baqa' mċaħħad minn kopja tas-sentenza attakkata saż-żmien tal-għeluq taż-żmien mogħti lilu mil-liġi biex iressaq appell minnha. Tqis ukoll li r-raġunijiet maħsuba mil-liġi biex iwasslu għat-tħassir ta' sentenza jitolbu ċirkostanzi aktar gravi u radikali minn dawk li dwarhom ir-rikorrent ressaq f'dawn il-proċeduri[37];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li **t-tieni talba** tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jmissha tintlaqa' għaliex ma seħħlux jissostanzja dak l-ilment. Billi **t-tielet talba** hija konsegwenzjali għat-tieni waħda, it-tielet talba ukoll sejra tiġi miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** fid-dawl tal-provvediment mogħti minnha fit-22 ta' Marzu, 2018;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma ntweriex li r-rikorrenti ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għat-tieni talba u billi ma hemmx direttivi li l-Qorti tista' tagħti fil-qagħda attwali taħt it-tielet talba; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mir-rikorrent.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Diċembru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistru**

**17 ta' Diċembru, 2020**

[37] App. Inf. PS **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Dr. Jotham Scerri Diacono noe et vs Carmelo Borġ Bonaċi***